**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

**5 ta' Ottubru 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija permezz ta' Zoom Video Conference.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon – Sindku
Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Donnha Barbara – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Renald Falzon ippresjeda l-laqgħa.

### 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**17.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier George Muscat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**17.2.1** **Is-Sindku Renald Falzon** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 16, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 16 ġew approvati b'mod unanimu.

### 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**17.3.1** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li fil-ġranet li ġejjin se jinbeda x-xogħol ta' rinnovar tal-Librerija Reġjonali. Is-Sindku nfurma li sakemm jitlesta x-xogħol l-librerija se tkun qed tiġi shifted fis-sala tal-Kunsill Lokali.

**17.3.2** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-Kunsill ġab stima għall-anti-slip solution fil-pjazza ta' Triq San Bastjan, liema stima tammonta għal ftit aktar minn € 44,000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li aktar kmieni llum kellha meeting mal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn staqsiet jekk hux possibli li dan ix-xogħol isir bil-fondi tal-UDF u ressqet talba għall-attenzjoni tal-bord. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk ingħatax garanzija fuq il-materjal. Is-Sindku spejga li l-kuntrattur ma setax jagħti garanzija fuq il-materjal. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa dwar il-life-span tal-materjal. Is-Sindku spjega li jekk l-istess materjal.

**17.3.3** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li x-xogħlijiet fi Triq il-Kanun għaddej b'ritmu tajjeb, fejn tlestew il-bankini ta naħa waħda tat-triq u issa nbdiet in-naħa l-oħra tat-triq.

**17.3.4** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-kuntratt tal-letrina ta' San Bartolomew twaqqaf u l-letrina ngħalqet sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa. Is-Sindku nfurma li tqabbad kuntrattur tal-emerġenza sabiex jieħu ħsieb it-tindif u jiftaħ u jagħlaq din il-letrina, sakemm tinħareġ it-tender u jsir kuntratt ġdid.

**17.3.5** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nżamm meeting ma' Greenpak dwar bosta issues, fosthom il-problemi bil-ġbir ta' ħġieġ u l-installar ta' CCTV Cameras fuq il-bring in-sites eżistenti f'Ħal Qormi.

**17.3.6** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li attenda għal-laqgħa mal-Valleys Management fejn matul il-laqgħa ġew diskussa bosta temi, fosthom il-pjaga tar-rimi ta' skart fil-widien tagħna. Is-Sindku nfurma li l-Valleys Management Unit se jkunu qed jinstallaw numru ta' CCTV Cameras fil-widien, sabiex jitwaqqfu bosta abbużi, fosthom ir-rimi ta' skart.

**17.3.7** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nħarġet l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex jiġu nstallati l-bus shelters ġodda fi Triq id-Deheb Fin u Triq Anici. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa, jekk il-Kunsill hux se jkun qed jaħdem mal-kumpanija li ltaqgħu magħhom fil-ġimgħat li għaddew. Is-Sindku nfurma li dawn il-bus shelters se jkunu qed isiru skont il-kuntratt bejn l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali u Faces Ltd.

**17.3.8** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li Ħal Qormi ġie magħżul mill-Foundation for the Well being of the Society, fondazzjoni mmexxija mill-E.T., President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca sabiex isir proġett bit-tema 'Mit-Tfal għat-Tfal'. Għal dan il-għan se jkun qed jiġi ffirmat MoU mal-Fondazzjoni sabiex ikun jista' jsir dan il-proġett.

**17.3.9** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali għaddiet Draft Contract tal-isponsorships ta' korsijiet mill-Kunsill Lokali u l-impjegati tiegħu. Kopja tal-kuntratt bejn il-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jintbagħat lill-membri mad-dokumenti tas-Seduta li jmiss.

**17.3.10** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nħarġet is-sejħa għall-offerti għal Construction Works ta' Ġnien Ġużè Galea u se tkun qed tinħareġ it-tender tal-Contract Manager ukoll. Filwaqt li fil-jiem li ġejjin se tkun qed tinħareġ tender għall-installar ta' CCTV Cameras madwar Ħal Qormi.

## 17.4 MOZZJONIJIET

### 17.4.1 Mozzjoni nru 57 imressqa mis-Sindku Renald Falzon

*Minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tibda' l-Kors ta' Masters 'Governance and Management', liema lectures se jibdew isiru kull nhar ta' Tnejn mill-5p.m. sat-8.00p.m., nipproponi li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru l-ewwel Tlieta tax-xahar fis-6.30p.m.*

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

### 17.4.2 Mozzjoni Nru 58 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli

Peress li skond il-kuntratt tat-tender tal-qtugh tal-haxix mis-soft areas kif mitlub mill-kunsill lokali ta' Hal Qormi, ghandu jinqata fi zmien 3 t'ijiem mit-talba tal-istess kunsill.

Peress li l-istess haxix giet maqtugh fil-jiem li ghaddew ghal ilmenti mibghuta fit-23 ta' Awissu (jew fil-jiem ta' wara) annessi ma' din il-mozzjoni l-emails li ntbaghtu lill-kuntrattur.

Ghalhekk, peress li dan inqata wara t-tlett ijiem rikjesti mill-kuntratt ta' bejn il-kuntrattur u l-kunsill lokali ta' Hal Qormi, qed nipproponi li ga la darba l-kuntrattur ma segwiex it-termini tal-istess tender, jinghata default notice ghan-nuqqas li huwa ghamel.

**Is-Sindku Renald Falzon** issekonda.

Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 17.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

**17.5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Awwissu 2020.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Awwissu 2020.

**17.5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Settembru 2020.

**Il-kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Kunsill approval-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Settembru 2020

**17.6 Mistoqsijiet/Suġġerimenti/Lmenti mill-membri tal-Kunsill**

17.6.1 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x’sar dwar il-proġett ta’ restawr tal-istatwa San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*evaluation* tat-tender baqgħet qatt ma ġiet iffinalizzata u wara li ħadet il-pariri meħtieġa, ġiet infurmata li t-tender preżenti għandha tiġi kkanċellata u terġa’ tinħareġ, bl-istess Technical Specifications tat-tender preżenti. Il-Kunsillier Marvin Zammit saħaq fuq il-ħtieġa li ma jintilfux fondi u għalhekk tiytieħed l-azzjoni neċessarja sabiex jinħareg tender ġdid mill-aktar fis possibli.

17.6.2 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** staqsa x’sar dwar il-problemi fid-drenaġġ privat fi Triq Ġuże Maria Camilleri. Is-Sindku nfurma li minn site inspection li saret ma rriżultax li l-ħsarat huma relatati max-xogħlijiet li saru mill-kuntrattur tal-Kunsill.

17.6.3 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** infurma li qed jaħdem fuq xi proġetti edukattivi immirati għat-tfal. Il-Kunsillier Martina Grech offriet l-għajnuna tagħna, bħala l-Kunsillier responsabbli mit-tfal.

17.6.4 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li kien hemm rapporti fejn residenti qed jaqgħu fuq il-bankina tal-lava fi Triq il-Kbira. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li kien hemm min ippreżenta ċertifikat mediku ta’ korriment li soffra.

17.6.5 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar skart li qed jinħareġ fi Triq Ġuże Maria Camilleri u t-toroq tal-madwar.

17.6.6 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li se jkun qed jaħdem fuq proġett mal-anzjani fejn jinħadem video 'memorji' li jista' jintuża bħala dokumentarji. Is-Sindku Renald Falzon talab lill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli sabiex jiprepara sett mistoqsijiet, fejn jinkorpora fihom, nindirizzaw kultura, storja u zoni qriema.

17.6.7 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li tkun ħaġa sabiħa jekk jiddaħħlu anke laqmijiet u tradizzjonijiet bħal meta kienu jinżlu fl-area ta' San Bastjan kienet isservi bħala ħarġa l-Belt eċċ.

17.6.8 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar il-facebook page tal-Kunsill fejn qal li huwa mportanti li jkun hemm konsistenza fil-posts li jsiru.

17.6.9 **Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma li ltaqa' ma' każ fi triq partikolari, fejn bankina ma tistax tinbena u minflok isiru linji bojod. Il-Kunsillier Ralph Puli talab li l-Kunsill jingħata linji gwida ta' x'jista' jsir minflok bini ta' bankina, bil-għan li jagħtu ndikazzjoni biex ma jsirx parkeġġ mal-bibien tad-djar.

17.6.10 **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar periklu eżistenti fi Triq il-Vitorja, qabel taqbad ir-roundabout tal-monument ta' Dr George Hyzler. Is-Sindku Renald Falzon infurma li se tiġi nstallata sleeping police fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa jekk ir-residenti jaqblux mal-installar ta' din ir-road hump. Is-Sindku nfurma li din ir-road hump se ssir quddiem il-ħwienet u mhux quddiem ir-residenzi.

17.6.11 **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ġibed l-attenzjoni dwar nuqqas ta' viżwal għas-sewwieqa, li qed iseħħ fl-istess akwata, fejn trakkijiet kbar qed jipparkjaw f'parking bay partikolari.

17.6.12 **Il-Kunsillier Ralph Puli** talab li jsiru parking spaces fi Triq il-Wied, quddiem il-Boċċi Club.

17.6.13 **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ġibed l-attenzjoni dwar trakkijiet kbar li ta' kuljum qed jgħaddu minn Triq il-Ħelsien u Triq il-Ħammieri, bil-konsegwenza li qed jagħmlu ħsarat kbar fit-tarmac. Is-Sindku Renald Falzon infurma li diġa talab li jsir infurzar dwar din il-kwistjoni u se jkun qed jagħmel il-pressjoni meħtieġa sabiex dan l-infurzar iħalli l-frott mixtieq.

17.6.14 **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** nfurma li r-rain water culvert fil-bidu ta' Triq il-Ħammieri, quddiem ħanut partikolari huwa miżdud. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tikkomunika b'mod immedjat mal-kuntrattur responsabbli.

17.6.15 **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** nfurma li fi Triq il-Ħammieri u Triq Ġużeppi Ciappara hemm bosta tappiera tal-istop-cocks tal-ilma mkissrin. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet aktar informazzjoni ta' fejn jinsabu dawn it-tappieri sabiex tgħaddi rapport lill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma.

17.6.16 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni li f'ġurnal lokali kien hemm artiklu dwar kawża legali fejn il-Qorti ordnat li TM u Kunsill iħallsu € 18,000 f'kumpens għad-danni.

17.6.17 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li hemm kwistjoni fejn LESA qed tħarrek residenti dwar rimi ta' skart, f'toroq fejn hemm problemi ta' bankini dojoq u bil-boroż tal-iskart qed jispiċċaw jostakolaw il-bankini u staqsa jekk hux possibbli li l-Kunsill ikellem lil LESA sabiex ikunu raġjonevoli. Il-Kunsillier Marvin Zammit ppropona li tiddaħħal sistema kif hemm f'Għawdex fejn, f'ċerti zoni, l-boroż tal-iskart jiddendlu f'post apposta sabiex titaffa l-problema tal-iskart speċjalment fejn hemm bankini żgħar u spazji stretti. Il-proposta ma gietx milqugha.

17.6.18 **Is-Sindku Renald Falzon** qed li kif jidher fil-media soċjali qed nispiċċaw kritikati għaliex mhux ikun hawn infurzar biżżejjed, aħseb u ara jekk inkellmu lil LESA sabiex dawn jikkunsidraw it-taħrikiet.

17.6.19 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni dwar pjanta selvaġġa fi Triq il-Kbira, direzzjoni Marsa, liema siġra tant kibret li qed tgħatti l-viżwal tal-vetturi. Il-Kunsillier Marvin Zammit talab li tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur responsabbli u naraw li l-kuntratti jiġu onorati.

17.6.20 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li bgħatt korrispondenza lil Transport Malta dwar sewqan eċċessiv fi Triq il-Wied u oħroġ il-għaġeb bagħtulu risposta lura li din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

17.6.21 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma dwar il-periklu eżistenti fi Triq ix-Xitwa.

17.6.22 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li qed isir tlajjar minn persuni barranin fit-toroq tal-periferija tal-lokal. Is-Sindku Renald Falzon nfurma li l-Pulizija marru fuq il-post kemm-il darba u raw li l-persuni li kienu bilqiegħda fuq iċ-ċint kellhomx il-permessi meħtieġa. Is-Sindku nfurma li LESA qed tagħmel fixed points f'dawn iz-zoni sabiex ma tħalli lil ħadd jieqaf bil-vetturi, għaliex qed jinħoloq periklu għas-sewwieqa.

17.6.23 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk hux possibbli li jinħadmu bye-laws dwar tlajjar u l-użu ta' xorb alkoholiku fit-toroq.

17.6.24 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma dwar problema ta' djar abbandunati nfestati bil-ġrieden, fejn ir-residenti mhux isibu għajnuna mill-uffiċċju tas-Saħħa Pubblika. Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-liġi lanqas tippermetti li l-uffiċċjali tas-Sanita' jidħlu fi propjeta' privata mingħajr l-awtorizazzjoni tas-sidien.

17.6.25 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni li r-residenti ġieli jirrapurtaw lill-Pulizija u jibgħatuhom għand il-Kunsill, anke fuq materji li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

17.6.26 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab sabiex fi Triq il-Wied, fuq wara ta' Triq Amleto Spiteri jiġu nstallati fanali ġodda u dan biex ikun hemm aktar sigurta'. Barra minhekk

talab li sabiex il-Pulizija tagħmel aktar rondi fiz-zona minħabba allegati atti kriminali li seħħew riċentement.

17.6.27 **Il-Kunsillier Martina Grech** infurmat li anke hi kellha rapport dwar problema tad-drenaġġ fi Triq Ġuże Maria Camilleri.

17.6.28 **Il-Kunsillier Martina Grech** staqsiet jekk sarx kuntatt mar-rebbieħa tal-kompetizzjoni tat-tpinġija.

17.6.29 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar sewqan eċċessiv fiz-zona ta' Triq San Edwardu, Triq il-Vitorja u Triq San Bartolomew u semma wkoll li f'Misraħ Ġ. Flores qed ikun hemm barranin qed joħorġu tapiti u jintefgħu f'nofs ta' triq.

**17.7 KORRISPONDENZA**

17.7.1 **Talba minn Ecopence Malta**

Il-Kunsill approva li jsir il-launching biss fi Ġnien de la Cruz u f'każ li jkunu jixtiequ jorganizzaw f'partijiet oħra tal-lokalita', jikkunsidrawha.

17.7.2 **ECDL Agreement – TCTC**

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento talab li l-Kunsill jingħata discount għall-fatt li l-online lessons ma jagħtux l-attenzjoni bħal meta tkun fil-klassi u jaf ma jkunux effettivi daqshekk.

17.7.3 **Stima għal manutenzjoni tas-Solar Panels**

Il-Kunsill approva din in-nefqa.

17.7.4 **Protest Ġudizzjarju minn Carmelo Mifsud Funeral Services**

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se jkun qed jibgħat ir-risposta tiegħu permezz tal-avukat tal-Kunsill.

**17.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**17.8.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta 3 ta' Novembru 2020 fis-6.30p.m.**

Konfermati, illum it-**Tlieta 3 ta' Novembru 2020**.

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| ___________________________ | __________________________ |
| Josef Masini Vento | Karen Camilleri |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |